# **Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd**

Il-Ħadd 25 ta' Diċembru 2016

Solennità tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu – Quddiesa tas-Sebħ

Sena A

**Introduzzjoni**

Illum qed niċċelebraw is-solennità tat-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu. Illum il-Knisja tifraħ b'dan il-misteru hekk kbir tal-Inkarnazzjoni tal-Iben t'Alla fostna għas-salvazzjoni sħiħa tagħna.

Imqanqlin b'dan il-ferħ hekk kbir, nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Is 62, 11-12)

Il-profeta Isaija jfaħħar il-providenza tal-għaġeb ta' Alla u jħabbar il-miġja tas-Salvatur tagħna.

Nisimgħu l-ewwel qari.

**It-Tieni Qari** (Tit 3, 4-7)

San Pawl jgħid li l-grazzja ta' Alla għas-salvazzjoni tal-bnedmin dehret propju fil-miġja ta' ibnu Ġesù fid-dinja bħala bniedem.

Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Lq 2, 15-20)

Il-ġrajja tat-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu ġabet ferħ u sliem fid-dinja kollha, b'mod speċjali lil dawk li verament jemmnu f'dan il-misteru hekk kbir.

Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**

Kristu ġie fostna bħala bniedem biex isalvana. Ejjew għalhekk inroddu ħajr lill-Mulej Alla tagħna għal dan il-misteru hekk kbir billi nressqu dawn l-offerti tagħna f'riġlejn l-artal.

Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Alla ġie jgħammar fostna fl-istorja ta' Betlehem, iżda HU għadu jagħmel hekk kull darba li aħna nersqu bi ħġarna sabiex nirċevuh fl-Ewkaristija.

Nersqu għat-tqarbin bi spirtu ta' talb u ġabra, filwaqt li nkantaw flimkien.